



L-esklużjoni parzjali ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra mill-kampjonati Ġermaniżi tal-atletika għas-seniors, bħala dilettanti, tista' tmur kontra d-dritt tal-Unjoni

Il-parteċipazzjoni fil-kampjonati Ġermaniżi tal-atletika fil-kategorija senior, bħala dilettanti, kienet inizzjalment miftuħa għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra jekk kien ikollhom, sa minn tal-inqas sena, dritt ta' parteċipazzjoni permezz ta' assoċjazzjoni jew ta' għaqda ta' atleti Ġermaniżi.

Fis-17 ta' Ġunju 2016, id-Deutscher Leichtathletikverband eV (l-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Atletika, iktar 'il quddiem id-“DLV”), billi emendat id-Deutsche Leichtathletikordnung (ir-Regoli tal-Atletika Ġermaniża), neħħiet din il-possibbiltà. Madankollu, skont id-DLV, l-atleti kkonċernati jistgħu f'ċerti każijiet, u taħt ċerti kundizzjonijiet, jingħataw dritt ta' parteċipazzjoni mingħajr klassifikazzjoni. Id-DLV tiġġustifika din l-emenda billi ssostni li r-rebbieħ Ġermaniż għandu jkun unikament atleta ta' nazzjonalità Ġermaniża li jkun jista' jipparteċipa f'kampjonati internazzjonali taħt l-abbrevjazzjoni “GER”, jiġifieri l-Ġermanja.

Minħabba din l-emenda, D. Daniele Biffi, ċittadin Taljan li joqgħod fil-Ġermanja, li kien ilu jipparteċipa sa mill-2012 fil-kampjonati Ġermaniżi tal-isport tad-dilettanti fil-kategorija senior, ġie eskluż minn kampjonat, f'Marzu 2017, u ngħata d-dritt li jipparteċipa fil-kampjonat fl-aħħar ta' Ġunju/bidu ta' Lulju 2017 biss “barra mill-klassifikazzjoni” jew “mingħajr klassifikazzjoni” u fil-każijiet li jinkludu stadju ta' kwalifika u finali, mingħajr ma jkun jista' jipparteċipa għal din il-finali.

D. Biffi u l-assoċjazzjoni sportiva f'Berlin TopFit, li tagħha huwa membru, fetħu kawża quddiem l-Amtsgericht Darmstadt (il-Qorti Distrettwali ta' Darmstadt, il-Ġermanja) sabiex D. Biffi jitħalla jipparteċipa f'futuri kampjonati Ġermaniżi tal-atletika għas-seniors u sabiex ikun jista' jiġi kklassifikat f'dawn il-kampjonati. Huma jsostnu li huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mid-DLV, b'mod partikolari taħt l-aspett tal-prestazzjoni sportiva, minbarra dik relatata mal-pussess tan-nazzjonalità Ġermaniża.

L-Amtsgericht Darmstadt tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk tali kundizzjoni ta' nazzjonalità tikkostitwixxi diskriminazzjoni illegali, li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni.

B'mod iktar preċiż, l-Amtsgericht Darmstadt tixtieq tkun taf jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix regoli ta' assoċjazzjoni sportiva nazzjonali, bħal dik inkwistjoni, li abbażi tagħha ċittadin tal-Unjoni, ċittadin ta' Stat Membru ieħor, li jkun ilu jirrisjedi għal diversi snin fit-territorju tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita din l-assoċjazzjoni fejn huwa jipprattika l-ġiri bħala dilettant fil-kategorija senior, ma jistax jipparteċipa fil-kampjonati nazzjonali f'dawn id-dixxiplini bl-istess mod bħaċ-ċittadini nazzjonali jew li jkun jista' jipparteċipa f'dawn il-kampjonati biss “barra mill-klassifikazzjoni” jew “mingħajr klassifikazzjoni”, mingħajr ma jkollu aċċess għall-finali u mingħajr ma jkun jista' jikseb it-titolu ta' rebbieħ nazzjonali.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li d-dritt tal-Unjoni¹ jipprekludi, bħal fil-każ inkwistjoni, tali regoli sakemm dawn ma jkunux iġġustifikati minn

¹ B'mod iktar preċiż l-Artikoli 18 (projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità), 21 (moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni) u 165 (fost l-oħrajn, il-promozzjoni tal-isfidi Ewropej fl-isport) tat-Trattat FUE.

kunsiderazzjonijiet oġġettivi u proporzjonati għall-għan leġittimament imfittex, li hija l-Amtsgericht Darmstadt għandha tivverifika.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li **jidher leġittimu li l-attribuzzjoni tat-titolu ta' rebbieħ nazzjonali f'ċerta dixxiplina sportiva tiġi rriżervata għal ċittadin nazzjonali, peress li dan l-element nazzjonali jista' jiġi kkunsidrat bħala karatteristika stess tat-titolu ta' rebbieħ nazzjonali. Madankollu, huwa importanti li r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mit-tfittxija tal-imsemmi għan għal ċittadini tal-Unjoni jkunu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.**

F'dan ir-rigward, iż-żewġ ġustifikazzjonijiet proposti mid-DLV ma jidhrux ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi.

Fil-fatt, f'dak li jikkonċerna, minn naħa, il-ħatra ta' rebbieħ nazzjonali li jirrappreżenta lil pajjiżu fil-kampjonati internazzjonali, id-DLV ma tagħżilx hija stess il-parteċipanti għal kampjonati internazzjonali tal-kategorija senior, iżda l-atleti li jappartjenu għal klabb affiljat mad-DLV u li jissoddisfaw il-kundizzjonijiet ta' prestazzjoni jistgħu, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom, jipparteċipaw f'dawn il-kampjonati u jinkitbu fihom huma stess. B'dan il-mod, ċittadin ta' Stat Membru differenti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jista' jkun rebbieħ tal-Ewropa senior fil-ġiri billi jipparteċipa f'isem il-Ġermanja.

F'dak li jikkonċerna, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa allegata li jiġu adottati l-istess regoli għall-kategoriji kollha ta' età, din ma hijiex sostnuta mid-dikjarazzjonijiet tad-DLV, li jgħidu li **hija tagħżel l-aħjar atleti nazzjonali sabiex jipparteċipaw fil-kampjonati internazzjonali fil-kategorija elite biss.**

Hija l-Amtsgericht Darmstadt li għandha tivverifika jekk jeżistux ġustifikazzjonijiet oħra għar-regoli ta' nuqqas ta' ammissjoni ta' persuni mhux ċittadini nazzjonali fil-kampjonati nazzjonali.

Matul dan l-eżami, l-Amtsgericht Darmstadt għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-Ġermanja, din l-esklużjoni ma kinitx teżisti għal ħafna snin fil-kategorija senior, u l-għan tad-dritt tal-Unjoni li jinfetħu iżjed il-kompetizzjonijiet, u l-importanza li jiġu integrati r-residenti, b'mod speċjali dawk li jkunu ilhom fl-Istat Membru ospitanti, bħal f'dan il-każ D. Biffi.

Peress li jeżisti mekkaniżmu relatat mal-parteċipazzjoni ta' atleta mhux ċittadin nazzjonali fil-kampjonat nazzjonali, tal-inqas fl-istadju ta' kwalifikazzjonijiet u/jew mingħajr klassifikazzjoni, in-nuqqas ta' ammissjoni totali ta' tali atleta f'dawn il-kampjonati minħabba n-nazzjonalità tiegħu jidher, fi kwalunkwe każ, sproportjonat.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355